Minuti tal-erbgħin (40) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita l-Ħamis 20 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

Segretarju Eżekuttiv: Is-Sur Karl Vella

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

Is-Sindku spjega li l-laqgħa msejħa fit-30 ta' Diċembru 2010 ma saritx peress li s-Segretarju Eżekuttiv kien biss *sick leave*.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Peress li l-Minuti tal-laqgħat numru 38 u 39 tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab sabiex fil-Minuti tal-laqgħa numru 39 trid titniżżel l-*email* li bgħatna lid-Direttur għall-Proġetti u Żviluppi Joseph Portelli dwar il-ħitan tas-sejjieħ li nbnew fit-Triq tax-Xlendi fil-konfini tal-Fontana.

"Waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill ġie diskuss li l-ħitan tas-sejjieħ li jagħmlu mal-konfini tal-Fontana li nbnew waqt il-bini mill-ġdid tat-Triq tax-Xlendi ma humiex fuq l-istess livell ta' dawk li jinsabu aktar l-isfel mill-bus shelter ta' quddiem Triq Għajn Tuta li tiżbokka fi Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill jixtieq ikun jaf x'inhi r-raġuni ta' dan."

## 3. QARI TAL-MEMOS, ILMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 146/2010 – Informazzjoni dwar il-Ġbir tal-Iskart
3.1.2 Memo 147/2010 – Ċertifikat fil-Qari tal-Provi


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

3.1.3 Memo 148/2010 – Tibdil fl-Onorarja tas-Sindki u President ital-Kumitat Reġjonali. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiċċekja mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk hu jridx jrodd iż-żieda tal-onorarja lura.
3.1.4 Memo 149/2010 – Linji Gwida Dwar Trattament ta' Provisti minn Għaqdiet Każini tal-Banda għall-Fini ta' VAT
3.1.5 Memo 150/2010 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja
3.1.6 Memo 151/2010 – *Appraisal Reports* u *Performance Bonuses* lis-Segretarji Eżekuttivi
3.1.7 Memo 1/2011 – Insaħħu l-Komunita': Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern
3.1.8 Memo 2/2011 – Proċess ta' *Digital Switchover*
3.1.9 Memo 3/2011 – Mistoqsija Parlamentari Nru 22696
3.1.10 Memo 4/2011 – Mistoqsija Parlamentari Nru 22697
3.1.11 Memo 5/2011 – Direttur Ġdid għall-Gvern Lokali
3.1.12 Memo 6/2011 – Struzzjonijiet dwar l-Attivitatjiet Parzjalment Finanzjati mill-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet (Memo 95/2010)

**3.2 Korrispondenza Prinċipali**

3.2.1 Ir-Reġjun t'Għawdex infurmana li ser jinħarġu *flyers* bid-dati ta' meta ser jitqassmu x-xfafar tal-leħja sponsorjati mill-kumpanija *Gilette*. Għaldaqstant irridu ninfurmaw lir-Reġjun t'Għawdex bl-ammont ta' flyers li għandna bżonn. Il-Kunsill informa li għandu bżonn 400 għall-irġiel il-fuq minn 18 il-sena.
3.2.2 Il-MEPA nfurmawna li l-Kunsill għandu bilanċ ta' €11,320.76 taħt l-iskema *Urban Improvement Fund*. Is-Sindku qal li kif maqbul dawn ser jintużaw biex titħallas il-parti l-kbira tal-ispiża għall-fanali dekorattivi fi Triq l-Isptar San Ġiljan.
3.2.3 L-Avukat Angele Formosa nfurmat lill-Kunsill li t-taxxi ġudizzjarji tal-kawża Pauline Cassar vs Kunsill Lokali tal-Fontana li jrid iħallas il-Kunsill jammontaw għal €1,247.89 u ta' Pawla Cassar hi ta' €2,470.30. Is-Sindku spjega li l-Kunsill qatt ma' ta' struzzjonijiet biex il-kawża tiġi ċeduta. Il-Kunsill kien qabel mar-rapport tal-Perit Valerio Schembri, cioe' li r-*road hump* issir f'post ieħor. Wara diskussjoni, ġie maqbul li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lill-Avukat b'dan.
3.2.4 B'referenza għal-laqgħa li saret fil-laqgħa tar-Regjun t'Għawdex nhar is-6 ta' Jannar 2011, ġejna mitluba ninfurmaw lir-Reġjun bl-attivita' sportiva li l-Kunsill ser jorganizza b'risq l-*Arka Respite Centre*. Il-Kunsill qabel li jorganizza attivita' sportiva sa Ġunju u d-dettalji ser jiġu diskussi f'laqgħat suċċessivi.
3.2.5 Il-Perit Portelli mill-Ministeru għal Ghawdex infurmana li ser jitlob lil-kuntrattur sabiex jirranġa t-tappieri li hemm fil-bidu ta' Triq ix-Xlendi peress li dawn qegħdin jagħmlu ħafna storbju.
3.2.6 Il-MEPA bgħatulna l-permess sabiex tinżabar l-ħarruba li hemm fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Dan il-permess jiskadi fl-14 ta' Ġunju 2011. Il-Viċi Sindku qal li ser jieħu ħsieb li jsir dan.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

3.2.7 Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bgħatilna kopja taċ-*Charter* rigward il-ftehim bejn il-Kunsilli Lokali bil-għan li ssir applikazzjoni konġunta għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura (KEK) 2018 li ser tagħmel Malta. Il-Kunsill qabel u dan għandu jiġi ffirmat mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.2.8 Nhar l-4 ta' Frar 2011 ser issir laqgħa fuq l-immaniġjar u sigurta' fil-*playing fields*. Din ser tkun organizzata mill-Bord tal-*Istandards* tal-Awtorita Maltija dwar l-*Istandards* u ser tittella' fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

3.2.9 Ġejna nfurmati li l-Kunsill ġie magħżul biex jiġi ntervistat dwar l-inizjattivi li qed jagħmel u li ser jieħu fil-futur qarib. Dan ir-*recording* ser isir nhar is-27 ta' Jannar u ser isir fl-istudjo f'St Luke's Road, Gwardamangia, ex *newsroom* PBS.

3.2.10 Korrispondenza rigward l-iskema tal-*Public Private Partnership* fuq toroq, fejn ġejna nfurmati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li peress li l-offerti tal-kuntratturi Għawdxin qegħdin ikunu għoljin, huma lesti li jgħaddu 50% ta' l-istima oriġinali tal-Perit tal-Kunsill u mhux kif indikat fil-Memo kkonċernat.

3.2.11 Nhar it-18 ta' Frar 2011, l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza konferenza dwar il-politika nazzjonali dwar l-ilma.

3.2.12 L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bgħatet il-programm tal-laqgħat statutorji għas-sena 2011.

### 3.3 Ilmenti / Suġġerimenti

3.3.1 Is-Sindku qal li għandna ngħaddu l-ilment li l-Kunsill irċieva mingħand Martin Azzopardi, is-sid tal-ispiżerija fi Triq il-Għajn, lil Transport Malta sabiex tittieħed deċiżżjoni u mhux lil Perit Saliba kif ġie maqbul mill-Kunsill f'laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel.

## 4. GĦOTI TA' OFFERTI

- *FONT 06/2010: Demolition of existing structure and construction of second phase of Fontana Civic Centre* – Il-Perit Attard Montalto ippreparat rapport fuq l-offerti li l-Kunsill irċieva fuq din it-tender. Il-Perit irrimarkat illi f'waħda mill-offerti kien hemm nieqes it-*time schedule* kif ukoll il-*Police/Trade Licence*. Hi qalet li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li dawn jinġiebu mill-kuntrattur. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li qabel ma tittieħed deċiżżjoni rigward din l-offerta, għandna nitolbu lill-kuntrattur konċernat biex jgħaddilna dawn id-dokumenti. Josef Said u Anthony Farrugia kienu fil-kamra waqt li kienet qiegħda tiġi diskussa din l-offerta.
- *FONT 04/2010: Patching with Hot Asphalt in various Streets in Fontana* – Kif maqbul f'laqgħa preċedenti s-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Perit Saliba sabiex jiċċekja jekk il-prezzijiet ta' l-offerta jinkludux il-VAT. Peress li l-Perit ma bgħatx risposta, is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Gatt Tarmac Ltd sabiex jattendi għal-laqgħa. Mario Gatt, direttur ta' din il-kumpanija, ikkonferma li l-prezzijiet huma bil-VAT kif indikat fit-tender. Wara diskussjoni ġie maqbul li x-xogħolijiet għandhom jitlestew sa l-aħħar ta' Marzu.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Fis-6.00pm daħal fil-kamra Nicky Saliba fejn reġa ressaq l-ilment tiegħu rigward il-kont li kienet bgħatitlu l-Perit Attard Montalto dwar il-kejl tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Nicky Saliba li għalkemm hu kien bgħat diversi *emails* lill-Avukat tad-Dipartiment għall-Kunsill Lokali Angele Vella, xorta waħda l-Kunsill qatt ma rċieva risposta. Wara diskussjoni ġie maqbul li s-Segretarju Eżekuttiv jibgħat *email* lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali u jitolbu jiggwidah kif għandu jimxi l-Kunsill.

- *FONT 05/2010: Road Resurfacing Works in Connection with the Public Private Partnership* Scheme – Peress li l-Perit Saliba mqabbad mill-Kunsill kien irrimarka li waħda mill-offerti kella xi nuqqasijiet, is-Segretarju Eżekuttiv talab parir lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif għandu jipproċedi. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali issuġġerixxa li l-Kunsill jirreferi għall-kundizzjonijiet imniżżla fid-dokument tal-offerta, jieħu parir mingħand il-konsulent tekniku tiegħu, kif ukoll jitkellem mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jikkonferma jekk l-offerti li rċieva humiex validi. Wara diskussjoni ġie maqbul li s-Segretarju Eżekuttiv jibgħat *email* lid-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti, is-Sur Francis Attard, sabiex jiċċekja jekk waħda mill-offerti hiex valida.
- *FONT 07/2010: Collection of mixed household waste in Fontana, Gozo* – Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-garanzija bankarja ta' waħda mill-offerti ma' kienetx skond l-offerta. Għaldaqstant ġie maqbul li s-Segretarju Eżekuttiv jikkonsulta mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk din l-offerta hiex valida.

## 5. BUDGET 2011

Il-membri tal-Kunsill iddiskutew il-Budget għas-sena 2011.

## 6. BUSINESS PLAN

Il-membri tal-Kunsill iddiskutew il-*Business Plan* għas-snin li ġejjin.

## 7. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma' dawn il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li l-€500 li ser ningħataw mingħand il-GreenMT bħala *sponsor* sabiex tittella' s-serata ta' Jum il-Fontana jintefqgħu kif indikat hawn taħt:

- The Gozo Youth Wind Band & Orchestra - €400.00
- *Rental of PA System* - €30.00
- *Printing* tal-Inviti - €70.00

Il-membri tal-Kunsill qablu.

## 8. MATERJI OĦRA


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li :

8.1.1 Ġie mfakkar Jum il-Fontana bħala tifkira tas-17 il-anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill. Il-programm beda b'quddiesa b'suffraġju tal-vittmi tal-kamra tan-nar fil-knisja parrokkjali. Wara s-Sindku fil-preżenza ta' membri tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv poġġa kuruna mal-monument tas-sajjieda. Wara ttellgħet l-attivita kulturali fis-Sala tal-Komunita fejn ħadu sehem Francesca u Gabrielle Sciberras, talent mil-Fontana, flimkien mal-grupp M5, flimkien mal-Orkestra "The Gozo Youth Wind Band". Wara ġew ppreżentati t-trofew u l-midalja tal-Gieħ il-Fontana lis-Sur Joseph Galea bħala rikonoxximent tal-ħidma li wettaq matul dawn l-aħħar snin għall-Festa Titulari. Is-Sindku għamel messaġġ tal-okkażżjoni. Din is-serata bħas-sena l-oħra ġiet ppreżentat mis-Sinjorina Josephine Borg. Kif maqbul f'laqgħa preċedenti, waqt din is-serata saret ġabra b'risq il-*Malta Community Chest Fund*.

8.1.2 Fl-okkażżjoni ta' Jum il-Fontana saret ħarġa għat-tfal għal-inawgurazzjoni tal-presepju ħaj Bethlehem f'Għajnsielem. Attendew 24 persuna foshtom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

8.1.3 Fis-6 ta' Diċembru saret ħarġa soċjo-kulturali f'Malta għar-residenti tal-Fontana. Attendew 22 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai. Żorna s-suq tal-Mosta, wirja ta' ċeramika minn Caltagirone fi Sqallija għand is-Sależjani f'Tas-Sliema. Wara komplejna l-ħarġa fil-kampanja li mill-Maqluba fil-Qrendi waslitna saċ-Ċirkewwa.

8.1.4 Fis-7 ta' Diċembru saret laqgħa fis-Sala tal-Komunita ma' rappreżentanti tal-Comune di Zafferana Etnea fi Sqallija. Dawn ġew ippreżentati b'kotba dwar Għawdex mill-Viċi Sindku u replika tal-Għajn il-Kbira, kif ukoll ktejjeb dwar il-Fontana mis-Sindku. Attendew ukoll il-Kunsillieri Victor Cefai u Horace Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv.

8.1.5 Is-Sindku u l-Perit John Saliba daru t-toroq tal-Fontana li jaqgħu taħt ir-responsabilita tal-Kunsill biex issir l-istima ta' fejn hemm bżonn li jsiru *patching bil-hot asphalt*. Saret ukoll laqgħa mal-Inġinier Mario Galea dwar l-applikazzjoni li ser jagħmel il-Kunsill dwar l-iskema EKO-Għawdex dwar sistema ġdida ta'dawl.

8.1.6 Fil-15 ta' Diċembru s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa mal-Kunsill Malti għall-Isport f'Casa Leoni f'Santa Venera, dwar l-applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill dwar attivitajiet sportivi.

8.1.7 Saret żjara ma rappreżentanti tal-IPSL flimkien mas-Sindku fejn tlesta x-xogħol ta' pavimentar f'Wied il-Lunzjata. Ġie diskuss kif u meta ser isir ix-xogħol mill-ħaddiema tal-IPSL fl-irranġar tal-Pumping Station min naħa ta' barra kif ukoll il-manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ.

8.1.8 Sar it-tqassim tal-ikla tal-Milied lil 29 anzjan li jgħixu waħedhom. Dan sar mis-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai.

8.1.9 Tlesta t-twaħħil tal-isolators tal-fanali dekorattivi fi Triq l-Isptar San Ġiljan u saret l-applikazzjoni lil Enemalta biex dawn jiġu mixgħula.

8.1.10 Is-Sindku attenda għal-ħames laqgħa tal-Kumitat Reġjonali li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, kif ukoll il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali.



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

8.1.11 Sar it-tqassim tal-kalendarju ta' eko-Għawdex lir-residenti tal-Fontana kif ukoll it-tqassim ta' xfafar tal-Gilette lir-residenti rġiel tal-Fontana mgħotija mill-kumpanija Gilette lir-reġjun t'Għawdex.

8.1.12 Ġejna nfurmati mil-Bord tal-Għażla li ġejna mal-aħħar ħames finalisti tal-iskema tal-Local Community Award maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

8.1.13 Sar it-tiżjin tal-Milied f'parti minn Triq il-Għajn u t-toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard le Merchant.

8.1.14 Ix-xogħol ta' *embellishment* bil-ġebla tal-qawwi tat-trejqa li minn tarf Triq Għajn Tuta twassal sa Wied il-Lunzjata tlesta mill-kuntrattur Tarcisio Xerri u x-xogħol ġie mkejjel mill-Perit John Saliba fil-preżenza tas-Sindku u l-kuntrattur. Intbagħtu d-dokumenti li tlesta x-xogħol lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jgħaddu it-tieni pagament tal-iskema Proġetti Speċjali għal-Lokalitajiet Żgħar biex isir il-ħlas ta' dan il-proġett. Tlesta wkoll ir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ li hemm f'dan il-post minn żewġ ħaddiema tal-IPSL.

8.1.15 Il-Kunsill issottometta l-applikazzjonijiet tiegħu taħt Eko-Għawdex. L-applikazzjonijiet li ssottometta l-Kunsill kienu għal *Fundays at Xlendi Bay; Avoidance of Social Exclusion; Surfacing of the remaining part of Triq Wied Siekel, Fontana; Upgrading of Boundary Wall, Pjazza l-Għejjun, Fontana;* u *Installation of Decorative Energy Efficient Luminaries and Light Fittings in Triq il-Qalb ta' Ġesu, Triq il-Għajn, Triq J.G Le Merchant, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi and Church Parvis.*

8.1.16 Ġiet ippubblikata l-ħdax il-ħarġa ta' "Tagħrif mil-Kunsill Tiegħek" li ġiet ippreparata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Din tqassmet f'kull residenza tal-Fontana.

8.1.17 Sar qbil sabiex jinħarġu l-*Bye-Laws* għall-kera tas-Sala tal-Komunita', kif ukoll sabiex il-Kunsill ikun jista jorganizza korsijiet.

8.1.18 Ir-rappreżentanti tal-Green MT li kellhom jattendu bi *stand* u *Eco-Councillor* għas-serata ta' Jum il-Fontana ma attendewx.

8.1.19 L-*isolators* għall-fanali fi Triq l-Isptar San Ġiljan inxtraw bil-prezz ta' €17 il-wieħed flok bil-prezz ta' €25 kif intalab lill-Kunsill. Peress li l-Kunsill diġa kellu tnejn, inxtraw ħdax, kif ukoll nkera *high-up* mingħand Chris Gauci biex ikunu jistgħu jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.1.20 Għalkemm sar xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill biex jibda jidħol l-ilma fil-ġibja tal-Kunsill mill-wiċċ tal-*playing field*, xorta waħda għadu mhux jidħol., għalhekk hemm bżonn li tiġi mqabbda l-katusa li hemm fit-triq.

8.1.21 Inġibdet l-attenzjoni minn ħaddiem tal-Enemalta li trid tinxtara kaxxa sabiex ikun jista' jiġi nstallat *smart meter* fi Pjazza l-Għejjun.

8.2.22 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-*retaining wall* ta' parti mill-Wied tax –Xlendi li hu fil-konfini tal-Fontana hu mwaqqa għal ġol-wied, b'periklu kbir għall-vetturi li jkunu għaddejjin minn hemm. Dan twaqa meta kienet qed tinbena t-Triq tax-Xlendi. Il-Viċi Sindku qal li hu ser jiċċekja jekk il-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex jistgħux jibnu dan iċ-ċint. Il-membri tal-Kunsill qablu li jekk dan ma jsirx jiġi mqabbad Joseph Muscat jew il-ħaddiema tal-IPSL.



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

8.2.23 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill rranġa iż-żewġ globi miksura tal-fanali dekorattivi ta' fuq iz-zuntier, peress li ma nbiddlux mill-Gvern Centrali.
8.2.24 Inqalgħu l-arbli tad-dawl li kem hemm mal-fond 191 fi Triq il-Għajn mill-Enemalta biex ikun jista' jibda x-xogħol tat-tieni fażi taċ-Centru Civiku.
8.2.25 Is-Sindku għamel rapport lill-uffiċċjal inkarigat, dwar drenaġġ li hemm ħiereġ għal ġol-Wied tax-Xlendi mill-Wied ta' Bejn l-Isqawi.
8.2.26 Peress li fl-aħħar ħarġa ta' "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek" bdiet sensiela ta' artikli bil-Malti meħuda mill-ktejjeb "The Village of Valleys and Spring" minn Mons Joseph Bezzina, il-Kunsill qabel li bħala ħlas joffri kotba dwar il-Kunsill Civili t'Għawdex.
8.2.27 Tlestew iż-żewġ qsari tal-ġebel għal Trejqa Bieb il-Għajn.

8.2 Is-Sindku ppropona li :

8.2.1 Nixtru żebgħa bajda sabiex jinżabħu s-sinjali tat-traffiku. Il-membri tal-Kunsill qablu.
8.2.2 Nġibu stima għal tlett bankijiet tal-ġebla. Il-membri tal-Kunsill qablu.
8.2.3 Niktbu lid-Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern sabiex nitolbuhom li l-kuntratt tal-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku tkun għal 15-il sena flok għal 3. Il-membri tal-Kunsill qablu.
8.2.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi fanali fi Triq l-Isptar San Ġiljan mhumiex jixgħelu mill-ewwel. Għaldaqstant hu ppropona li niktub lil Contracts Manager biex jikkuntatja lill-kuntrattur.
8.2.5 Is-Sur Pupull Attard nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma kienx possibli li jitnaqqas il-prezz tal-istima għal grada. Il-Kunsill qabel li jordna waħda għat-tieqa li hemm fil-MultiPurpose Room.
8.2.6 Wara talba mill-MEPA, is-Sindku ppropona li titwaħħal *Notice Board* tal-Mepa fi Triq ta' Mulejja. Il-membri tal-Kunsill qablu.

Fis-7.30pm is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 31 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita'

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt